

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispaġju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Spain

## My e-Justice space

Spanja



Spanja

Minħabba d-diversità ta' portali u paġni web biex jitwettqu proċeduri legali, biex isiru konsultazzjonijiet jew biex jiġu ffixxati appuntamenti online, il-Ministeru għall-Ġustizzja ħoloq repożitorju ċentralizzat ta' proċeduri f'portal tal-Ġustizzja elettronika msejjaħ l-Uffiċċju Ġudizzjarju Elettroniku. Dan il-portal joffri lista u spjegazzjoni ta' proċeduri disponibbli fis-sistema tal-ġustizzja.

Skont il-Liġi 18/2011, l-Uffiċċju Ġudizzjarju Elettroniku huwa disponibbli għaċ-ċittadini u l-professjonisti tal-ġustizzja biex iwettqu proċeduri fil-qasam tal-ġustizzja taħt il-kompetenza tal-Ministeru għall-Ġustizzja. L-Uffiċċju Ġudizzjarju Elettroniku jinkludi l-kompetenzi li ġejjin: Qorti Suprema, Qorti Nazzjonali u l-Komunitajiet Awtonomi ta' Extremadura, Castilla la Mancha, Castilla y León, il-Gżejjer Baleariċi, ir-Reġjun ta' Murcia, Ceuta u Melilla. Il-komunitajiet l-oħrajn għandhom id-dipartimenti ġudizzjarji reġjonali tagħhom stess.

Il-portal tal-web jippermetti liċ-ċittadini u lill-professjonisti tal-ġustizzja jinteraġixxu mal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja permezz tal-Internet u jagħmlu ikjesti u jwettqu proċeduri elettronikament. Aktar informazzjoni dwar il-proċeduri diġitali hija pprovduta hawn taħt u tista' tiġi aċċessata wkoll [hawnhekk](#).

## Possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-għajnuna legali

Għan u ambitu: Il-Kostituzzjoni Spanjola tirrikonoxxi d-dritt għal Għajnuna Legali għal dawk li jagħtu prova li m'għandhomx biżżejjed riżorsi għal litigazzjoni. Tirrikonixxi dan id-dritt ukoll meta jkun previst mil-liġi f'każijiet speċifiċi.

Awtorità kompetenti: Il-Kamra tal-Avukati Spanjola (Abogacía Española) hija l-korp eżekuttiv, rappreżentant, koordinatur u superjuri tat-83 Kamra tal-Avukati fi Spanja. Fost il-missjonijiet fundamentali tagħha hemm li torganizza l-prattika professjonali tal-avukati.

Kundizzjonijiet ta' aċċess: id-dritt għall-Għajnuna Legali

- Dawk li jagħtu prova ta' mezzi finanzjarji insuffiċjenti;
- Irrispettivament mill-mezzi ekonomiċi tagħhom, il-ħaddiema u l-benefiċjarji tas-Sigurtà Soċjali (biex jiddefendu d-drittijiet tax-xogħol tagħhom), il-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, tat-terroriżmu u tat-traffikar ta' bnedmin (f'kawżi għall-istatus tagħhom bħala vittmi), il-minorenni u l-persuni b'diżabilità mentali meta jkunu vittmi ta' sitwazzjonijiet ta' abbuż jew trattament ħażin.

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Mhux relevanti (l-ebda dokument elettroniku ma huwa mibgħut jew riċevut)

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Mhux disponibbli. Is-sit web jipprovdi informazzjoni lill-utenti potenzjali, li huma referuti lill-fergħat tal-Kamra tal-Avukati lokali. Mhuwiex ċar jekk xi fergħat lokali jippermettux li tiġi ppreżentata applikazzjoni online għas-servizz.

Prezz: Is-servizz huwa bla ħlas

## Kumpens

Għan u ambitu:

Kumpens għal vittmi ta' atti ta' terroriżmu huwa disponibbli kemm għal danni personali kif ukoll materjali għal dawk li ġew affettwati jew għall-familji tagħhom

([https://www.interior.gob.es/opencvms/pdf/servicios-al-ciudadano/ayudas-y-subsidios/ayudas-a-victimas-de-actos-terroristas/documentos-informativos/Ayudas\\_indemnizaciones\\_victimas\\_terrorismo.pdf](https://www.interior.gob.es/opencvms/pdf/servicios-al-ciudadano/ayudas-y-subsidios/ayudas-a-victimas-de-actos-terroristas/documentos-informativos/Ayudas_indemnizaciones_victimas_terrorismo.pdf))

*Talbiet għal kumpens oħrajn disponibbli mill-Ministeru għall-Intern*

L-individwi għandhom id-dritt li jiġu kkumpensati mill-Ministeru għall-Intern għal dannu jew ħsara lill-proprjetà u d-drittijiet tagħhom b'riżultat tal-funzjonament normali jew anormali tas-servizzi pubbliċi tal-Ministeru għall-Intern; ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri jew ħsarat li l-individwu għandu d-dmir legali li jġarrab f'konformità mal-Liġi.

Id-danni imġarrba minn mezzi ta' trasport barranin ta' oġġetti jew gruppi ta' passiġġieri, il-merkanzija u l-okkupanti tagħhom, li qegħdin f'territorju Spanjol li jagħmlu vjaġġi ta' trasport internazzjonali, huma kumpensabbli mill-Istat, dment li ħsarat b'hal dawn ikunu jirriżultaw direttament minn azzjonijiet vjolenti, indiskriminati jew selettivi, imwettqa minn persuni identifikati jew le u b'rabta ma' kunflitt eżistenti.

Awtorità kompetenti: Ministeru għall-Intern

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: li tkun jew tkun qed tirrappreżenta vittma ta' att ta' terroriżmu
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: l-utenti jistgħu jużaw ċertifikat elettroniku jew is-servizz ta' aċċess Cl@ve spjegat hawn fuq.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: skont is-sitwazzjoni (mewt, korriment permanenti, korriment mhux permanenti, eċċ), ir-rikorrent jeħtieġ li jipprovdi xi wħud mid-dokumenti li ġejjin (li jistgħu jittellgħu fil-formola online):
  - Ċertifikat tal-mewt tal-vittma (jekk applikabbli)
  - Fotokopja tal-"Ktieb tal-Familja" (dokument jixbah lil passaport b'informazzjoni dwar iż-żwieġ u l-parentela ta' familja partikolari)
  - Talba jew rapport tal-pulizija
  - Rapport mediku jew psikoloġiku
  - Sentenza ġudizzjarja
  - Riżoluzzjoni amministrattiva
  - Dokumenti oħrajn li jagħtu prova tal-istatus ta' vittma

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Informazzjoni dwar l-effetti legali mhijiex disponibbli

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva

Prezz: Bla ħlas

Link: <https://sede.mir.gob.es/opencvms/export/sites/default/es/procedimientos-y-servicios/>

---

## Il-bidu ta' kawża ċivili online

Għan u ambitu:

L-Uffiċċju Ġudizzjarju Elettroniku joffri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika l-possibbiltà li tippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub biex tressaq talba, jekk l-ammont ikun limitat għal:

1. Dikjarazzjoni bil-miktub biex titressaq talba għal ordni ta' ħlas f'kawża ċivili: l-ammont totali m'għandux limitu.
2. Dikjarazzjoni bil-miktub biex titressaq talba għal ordni ta' ħlas f'kawża soċjali: l-ammont totali ma jistax jaqbeż EUR 6,000, meta joriġina minn relazzjoni ta' impjeg.
3. Dikjarazzjoni bil-miktub biex titressaq talba għal ordni ta' ħlas f'komunità ta' ġirien: l-ammont totali m'għandux limitu.
4. Dikjarazzjoni bil-miktub biex tinfetaħ kawża: l-ammont totali ma jistax jaqbeż l-EUR 2,000.
5. Dikjarazzjoni bil-miktub biex tinbeda l-eżekuzzjoni ta' digriet tal-qorti: l-ammont totali li għalih tintbagħat l-eżekuzzjoni ma jistax jaqbeż l-EUR 2,000.

Skont l-Att Ċivili Proċedurali Spanjol, il-partijiet għandhom jiġu assistiti minn avukat meta l-ammont tal-kawża jaqbeż l-EUR 2,000.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: dan is-servizz huwa disponibbli għaċ-ċittadini kollha
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: l-utenti jistgħu jużaw il-karta tal-identità nazzjonali elettronika tagħhom, ċertifikat elettroniku jew is-servizz ta' aċċess CI@ve spjegat hawn fuq
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: dan mhuwiex speċifikat fil-gwida disponibbli

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Is-sottomissjoni tad-dokument tirrikjedi firma elettronika valida (li hija meħtieġa l-ewwel nett biex tiġi aċċessata s-sistema, għalhekk jidher li l-ebda rekwiżit addizzjonali mhu meħtieġ)

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva

Prezz: Dan is-servizz huwa bla ħlas

Link: <https://sedejudicial.justicia.es/-/presentacion-de-escritos>

---

## Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u ambitu:

L-Uffiċċju Ġudizzjarju Elettroniku joffri liċ-ċittadini l-possibbiltà li jilloggjaw f'"Sezzjoni personali" fejn id-dokumenti jistgħu jiġu aċċessati u jinżammu, u n-notifiki jistgħu jiġu ssettjati u kkonsultati. Is-servizzi disponibbli jinkludu:

- L-aċċess għal proċeduri ġudizzjarji li ċ-ċittadin huwa parti fihom,
- Servizzi ta' komunikazzjoni li ċ-ċittadin abbona għalihom,
- Il-ħolqien, is-sottomissjoni u ż-żamma ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub (dawn huma spjegati hawn fuq),

- Aċċess għal prokura li ċ-ċittadin huwa parti għaliha,
- Aċċess għal dokumentazzjoni li ġiet kondiviża maċ-ċittadin bħala parti mill-proċessi ġudizzjarji li huma parti għalihom,
- Notifiki relatati mal-proċeduri ġudizzjarji taċ-ċittadin
- Aċċess għal Kodiċi ta' Verifika Sigura li jippermetti liċ-ċittadini jivverifikaw il-validità tal-kodiċi alfanumeriku li jidher fuq id-dokumenti elettroniċi kollha maħruġa diġitalment mill-grati u mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Kwalunkwe kopja stampata tal-verżjonijiet oriġinali elettroniċi tal-Ministeru se titqies kopja awtentika jekk tinkludi s-CSV.
- Konsultazzjoni dwar il-progress tal-proċeduri legali
- Appuntament ġudizzjarju skedat
- Konsultazzjoni ta' fajls ġudizzjarji elettroniċi
- Subbasta Elettroniċi

Barra minn hekk, hemm "Carpeta ciudadana" (folder taċ-ċittadin) ipprovdut mill-gvern ċentrali li junifika d-dokumenti u l-proċeduri kollha miżmuma mill-korpi tal-amministrazzjoni pubbliċi kollha dwar iċ-ċittadin. Dan il-folder jidher li qed jiġi żviluppat. Dan huwa aċċessibbli bl-użu ta' ċertifikat elettroniku jew tas-servizz ta' aċċess Cl@ve.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: dan is-servizz huwa disponibbli għaċ-ċittadini kollha
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: l-utenti jistgħu jużaw il-karta tal-identità nazzjonali elektronika tagħhom, iċ-ċertifikat nazzjonali jew is-servizz ta' aċċess Cl@ve spjegat hawn fuq
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: jiddependi mill-proċedura. Biex jiġi aċċessat is-servizz, mhu meħtieġ l-ebda dokument

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Id-dokument elettroniċi huma ffirmati diġitalment

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva

Prezz: Dan is-servizz huwa bla ħlas

Link: <https://sedejudicial.justicia.es/group/guest/area-privada>

## Il-parteċipazzjoni f'subbasti

Għan u ambitu: Is-Subbasta Elettroniċi huma rreklamati permezz ta' notifiki ppubblikati fit-taqsima tal-"Administración de Justicia" (Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) tal-portal tal-B.O.E. (Boletín Oficial del Estado, Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) u fuq il-portal tas-subbasti stess.

Skont il-liġi Spanjola, il-bejgħ jista' wkoll isir minn persuni jew entitajiet speċjalizzati, kemm jekk pubbliċi kif ukoll jekk privati, u meta jkun hemm il-qbil tal-awtorità ġudizzjarja, il-bejgħ jew is-subbasta jridu jikkonformaw mar-regoli ta' dik l-entità, dment li ma jkunux inkompatibbli mal-għan tal-infurzar jew il-protezzjoni tal-interessi kemm tal-parti li qed twettaq l-infurzar kif ukoll tal-persuna li l-infurzar ikun qed isir fil-konfront tagħha, skont l-Artikolu 641 LEC.

L-ewwel paragrafu tad-dispożizzjoni ta' hawn fuq jiddikjara li l-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati (*Colegios de Procuradores*) jistgħu jassumu dawn il-funzjonijiet, u għal dak l-iskop, huma stabbilew [portal tas-subbasti](#)

elettroniċi tagħhom.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess: L-ebda

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Mhux applikabbli

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva

Prezz: L-ebda

Link: Is-Subbasta Elettroniċi huma rreklamati permezz ta' notifiċi ppubblikati fit-taqsimha tal-  
"Administración de Justicia" (Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) tal-portal tal-B.O.E. (Boletín Oficial del Estado,  
Gazzetta Uffiċjali tal-Istat) u fuq il-portal [tas-subbasta stess](#)

---

## Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Għan u ambitu:

Is-servizz għall-aċċess ta' servizzi ta' medjazzjoni mhuwiex disponibbli fi Spanja. Is-servizzi ta' reġistrazzjoni għal medjaturi u għal istituzzjonijiet ta' medjazzjoni biss jistgħu jitwettqu elettronicament.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja (Il-gvern ċentrali għal xi komunitajiet awtonomi), dipartimenti tal-ġustizzja reġjonali għal komunitajiet awtonomi b'kompetenzi devoluti fil-ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess: Mhux applikabbli

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Mhux applikabbli

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Le

Prezz: Mhux applikabbli

Link: <https://www.mjusticia.gob.es/es/ciudadania/tramites/registro-mediadores>

---

## Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u ambitu:

Il-portal "creación de empresas por Internet" (CIRCE, akronimu bl-Ispanjol) għall-formazzjoni tal-kumpaniji provvudut mill-Ministeru għall-Industrija, il-Kummerċ u t-Turiżmu jipprovdi informazzjoni għall-istabbiliment tan-negozji u l-kumpaniji online. Permezz tal-portal huwa possibbli li jiġu rreġistrati dawn li ġejjin:

- Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata
- Sjienda konġunta
- Mingħajr skop ta' qligħ
- Persuni li jaħdmu għal rashom

Biex joħloq kumpanija, l-intraprenditur jeħtieġu jimla d-Dokument Elettroniku Uniku (DUE). Dan id-dokument jinkludi diversi formoli u t-tlestija tiegħu tista' tkun diffiċli. Id-Direttorat Ġenerali tal-Industrija u l-SMEs stabbilixxa sett ta' vidjows ta' spjegazzjoni għal kull taqsima tad-DUE (korsijiet online).

Barra minn hekk, ġew stabbiliti n-networks li ġejjin biex jappoġġaw lill-intraprendituri:

- In-Network PAE: il-Punti ta' Servizz għall-Intraprendituri (PAE) huma uffiċċji dipendenti fuq Amministrazzjonijiet Pubbliċi u entitajiet pubbliċi u privati, kif ukoll assoċjazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet tan-negozju u kmamar tal-kummerċ li jipprovdu appoġġ personali.
- PAE Virtwali: appoġġ online għat-twettiq tal-proċeduri għall-formazzjoni u l-bidu tal-kumpanija jew ir-reġistrazzjoni bħala persuna li taħdem għal rasha b'mod diġitali

Is-servizz jippermetti wkoll liċ-ċittadini li bdew il-proċedura ta' ħolqien ta' negozju jew ir-reġistrazzjoni bħala persuna li taħdem għal rasha biex jikkonsultaw l-istatus tal-fajl tagħhom.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Industrija, il-Kummerċ u t-Turiżmu

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: is-servizz huwa aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: l-utenti jistgħu jużaw ċertifikat elettroniku jew is-servizz ta' aċċess Cl@ve spjegat hawn fuq
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Skont il-formola legali li tkun intgħażlet, hemm għadd ta' dokumenti li jeħtieġ li jiġu pprovduti, li jagħmluha pjuttost kumplessa

Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi: Mhux applikabbli

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva

Prezz: Is-servizz huwa bla ħlas (bl-esklużjoni ta' kwalunkwe tariffa biex titwettaq il-proċedura biex jiġi stabbilit negozju)

Link: <http://www.creatuempresa.org/es-ES/Paginas/CEHome.aspx>

---

## Is-servizzi ta' traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Mhux applikabbli

---

L-aħħar aġġornament: 16/09/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.